2024/2104

25.9.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2104

tas-27 ta' Ġunju 2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla ta' ċerti oġġetti li jidħlu fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429, u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi l-qafas għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħrajn biex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari. Dak il-qafas jinkludi kontrolli uffiċjali mwettqa fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni.

(2) L-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 jirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera magħżula fuq kull kunsinna tal-kategoriji ta' annimali u oġġetti msemmija f'dik id-dispożizzjoni. Fil-każ ta' dawn l-annimali u l-oġġetti, kull kunsinna trid tiġi nnotifikata minn qabel u vverifikata fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera bl-użu tad-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2017/625. Iċ-CHED għandu jiġi ppreżentat fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC) stabbilita u ġestita mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 131(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2017/625, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali regolarment, abbażi tar-riskju u bi frekwenza xierqa, fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 47 u 48 ta' dak ir-Regolament. Il-frekwenza xierqa għandha tiġi ddeterminata billi jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 u anki l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 24(2) ta' dak ir-Regolament għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Meta jitwettqu, dawn il-kontrolli uffiċjali dejjem għandhom jinkludu verifika tad-dokumenti u għandhom jinkludu verifiki tal-identità u verifiki fiżiċi skont ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward ta' organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll.

(4) F'konformità mal-Artikolu 44(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/625, il-kontrolli uffiċjali fuq l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 47 u 48 ta' dak ir-Regolament għandhom jitwettqu, fost postijiet oħra, f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(5) Ċerti oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi joħolqu riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll. Informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni ta' pajjiżi terzi f'settur partikolari, dwar il-prestazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi ta' kontrolli uffiċjali adegwati f'dak is-settur, jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra minn kuntatti bilaterali ma' pajjiżi terzi tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jivvalutaw l-istorja tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 applikabbli għall-oġġetti kkonċernati.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.

(6) Meta l-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jwettqu kontrolli uffiċjali fuq dawk l-oġġetti, il-kontrolli uffiċjali għandhom jinkludu l-verifiki tad-dokumenti, il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jorganizzaw dawk il-kontrolli b'mod effiċjenti li jipprevjeni l-introduzzjoni ta' riskji fl-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirċievu minn qabel informazzjoni standardizzata li tiddeskrivi l-kunsinni f'dettall suffiċjenti biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw immedjatament u kompletament il-kunsinni, id-destinazzjoni u l-użu maħsub tagħhom.

(7) Għalhekk huwa xieraq li r-Regolament (UE) 2017/625 jiġi ssupplimentat f'konformità mal-Artikolu 45(4) ta' dak ir-Regolament u jiġu speċifikati l-każijiet u l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla ta' kunsinni ta' ċerti oġġetti minn pajjiżi terzi. Id-determinazzjoni ta' dawk il-każijiet u l-kundizzjonijiet jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward tal-OĠM u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll, assoċjati mal-oġġetti kkonċernati, jew l-istorja tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 applikabbli għall-oġġetti kkonċernati. Barra minn hekk, in-notifiki tal-wasla jenħtieġ li jikkonċernaw kunsinni ta' oġġetti li huma soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 44(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/625.

(8) Fid-dawl tal-Artikolu 133(3) tar-Regolament (UE) 2017/625, in-notifiki tal-wasla għandhom jitwettqu permezz tal-IMSOC. Sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji f'waqthom tad-*data* bejn l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu kontrolli sanitarji u fitosanitarji u l-awtoritajiet doganali, inkluż skambji permezz ta' mezzi elettroniċi, jenħtieġ li l-operatur responsabbli għall-kunsinni jinnotifika l-wasla ta' dik il-kunsinna billi jimla u jissottometti d-*data* rilevanti fis-Sistema Esperta għall-Kontroll tal-Kummerċ (TRACES) fl-IMSOC, għat-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni u għall-aċċess għad-*data* mill-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 38(1), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([2]).

(9) Jenħtieġ li l-operatur responsabbli għall-kunsinna jipprovdi deskrizzjoni tal-kunsinna ddettaljata biżżejjed fin-notifika tal-wasla biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw immedjatament u kompletament il-kunsinna, id-destinazzjoni tagħhom u l-użu maħsub, bħall-konsum mill-bniedem, l-għalf, il-kampjun, l-oġġett tal-wirja, il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew oħrajn. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-operatur responsabbli għall-kunsinna, permezz ta' dikjarazzjoni, jiċċertifika li l-informazzjoni pprovduta fin-notifika tal-wasla hija vera u kompluta. Sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura u għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta bl-użu ta' format standardizzat.

(10) Fil-format standardizzat użat biex jiddeskrivu l-kunsinna, jenħtieġ li l-operaturi responsabbli għall-kunsinna jkunu jistgħu jindikaw li dawk il-kunsinni għandhom jiġu ttrasferiti lejn faċilitajiet ta' trasport ulterjuri li ġew dażinjati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 ([3]). Jenħtieġ li l-operaturi responsabbli għall-kunsinna jkunu jistgħu jindikaw ukoll li l-kunsinna għandha tiġi ttrasferita lejn imħażen doganali msemmija fl-Artikolu 240(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew lejn faċilità ta' ħżin temporanju msemmija fl-Artikolu 147(1) ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-operaturi jiddeskrivu l-kunsinna b'referenza għall-kodiċi u t-titolu tan-Nomenklatura Magħquda (NM) previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([5]) u l-kodiċi tat-tariffa integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC).

(11) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu rekords bil-miktub ta' kull kontroll uffiċjali li jwettqu, fuq karta jew f'forma elettronika. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u tal-kontrolli doganali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu jistgħu jżidu r-rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq il-kunsinni u kwalunkwe deċiżjoni meħuda fuq dik il-bażi, inkluża d-deċiżjoni li tiġi rrifjutata kunsinna, fin-notifika tal-wasla sottomessa fit-TRACES.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1715/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-kontrolli uffiċjali ta' kunsinni ta' annimali u ta' oġġetti fit-tranżitu, fit-trasbord u fit-tkomplija tat-trasport fl-Unjoni, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, (KE) Nru 1251/2008, (KE) Nru 119/2009, (UE) Nru 206/2010, (UE) Nru 605/2010, (UE) Nru 142/2011, (UE) Nru 28/2012, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/2124/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

(12) Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' sigurtà tal-mezzi elettroniċi ta' identifikazzjoni u ċertifikazzjoni elettronika u biex il-proċedura tiġi diġitalizzata u armonizzata, l-użu ta' notifika elettronika tal-wasla sottomessa fit-TRACES jenħtieġ li jissodisfa l-istandards għall-firem elettroniċi u s-siġilli elettroniċi bil-livelli differenti ta' assigurazzjoni tal-identità tagħhom stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 ([7]).

(13) Huwa xieraq li tiġi prevista data differita tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ biex tiġi żgurata l-konnessjoni ta' TRACES fir-rigward tan-notifika tal-wasla prevista f'dan ir-Regolament mas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-każijiet u l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla ta' ċerti oġġetti li jidħlu fl-Unjoni u li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 2

Każijiet meta tista' tintalab notifika

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla ta' ċerti oġġetti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) in-notifika hija meħtieġa, filwaqt li jitqiesu:

(a) ir-riskji identifikati għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għat-trattament xieraq tal-annimali jew, fir-rigward ta' organiżmi ġenetikament modifikati u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għall-ambjent ukoll, assoċjati mal-oġġetti kkonċernati; jew

(b) l-istorja tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 applikabbli għall-oġġetti kkonċernati;

(2) l-oġġetti kkonċernati huma soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 44(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "TRACES" tfisser is-sistema msemmija fl-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(2) "firma elettronika" tfisser firma elettronika kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (10), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(3) "siġill elettroniku avvanzat" tfisser siġill elettroniku li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1506;

(4) "siġill elettroniku kwalifikat" tfisser siġill elettroniku kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2015/1506/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).

Artikolu 4

Kundizzjonijiet għat-talba tan-notifika tal-wasla

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla tal-kunsinni dment li l-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni tal-kunsinni jkun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru tal-awtoritajiet kompetenti.

2. In-notifika tal-wasla għandha tikkonsisti minn:

(a) informazzjoni standardizzata li tiddeskrivi l-kunsinni f'dettall suffiċjenti biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw minnufih u kompletament il-kunsinni, id-destinazzjoni u l-użu maħsub tagħhom, f'konformità mal-paragrafu 4; u

(b) dikjarazzjoni tal-operatur responsabbli għall-kunsinni li tiċċertifika li l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) hija vera u kompluta.

3. L-operatur responsabbli mill-kunsinni għandu jimla u jissottometti għal kull kunsinna n-notifika tal-wasla fi TRACES, b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni tal-Istat Membru tad-dħul, għat-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni qabel il-wasla tal-kunsinni. Madankollu, Stat Membru jista' jagħti l-kunsens tiegħu biex notifika titfassal b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li ma tkunx dik tal-Istat Membru tad-dħul.

4. In-notifika tal-wasla għandha timtela bl-informazzjoni standardizzata ta' hawn taħt:

(a) l-isem, l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi tal-pajjiż tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) tal-persuna fiżika jew ġuridika li tibgħat il-kunsinna;

(b) l-isem tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni;

(c) l-isem u l-indirizz tal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha tkun destinata l-kunsinna;

(d) l-isem, l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-post fejn il-kunsinna tkun qed titwassal għall-ħatt finali;

(e) l-isem, l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-persuna fiżika jew ġuridika fl-Istat Membru li tkun responsabbli mill-kunsinna meta tiġi ppreżentata fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera;

(f) it-tip ta' dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna, il-kodiċi uniku tagħha u l-pajjiż tal-ħruġ, fejn applikabbli;

(g) ir-referenzi ta' dokumenti kummerċjali, fejn applikabbli;

(h) id-data u l-ħin stmati tal-wasla fil-punt tad-dħul fejn jinsab il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera;

(i) il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jew il-pajjiż li fih tkabbru, inħasdu jew ġew prodotti;

(j) il-mezz finali tat-trasport għall-vjaġġ lejn l-Unjoni u l-identifikazzjoni tal-mezz finali tat-trasport;

(k) il-pajjiż fejn l-oġġetti tgħabbew fuq il-mezz finali tat-trasport għall-vjaġġ lejn l-Unjoni;

(l) l-isem, l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-istabbilimenti tal-oriġini u, fejn applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tagħhom;

(m) il-kategorija tat-temperatura meħtieġa matul it-trasport (ambjentali, kiesħa, iffriżata), fejn applikabbli;

(n) in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill, fejn applikabbli;

(o) l-użu maħsub tal-oġġetti jew il-kategorija tagħhom kif speċifikat fiċ-ċertifikati uffiċjali, l-attestazzjonijiet uffiċjali, id-dikjarazzjonijiet jew id-dokumenti kummerċjali, fejn meħtieġ;

(p) informazzjoni dwar il-konformità tal-oġġetti;

(q) id-destinazzjoni maħsuba tal-kunsinna wara li titlaqmill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, kif ġej:

  (i) "għas-suq intern", f'każ li l-kunsinna tkun maħsuba biex titqiegħed fis-suq fl-Unjoni; jew

  (ii) "għat-tranżitu", fil-każ ta' kunsinna ta' addittivi tal-għalf mhux awtorizzati ta' oriġini mhux mill-annimali u ta' prodotti mhux awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti maħsuba għat-tranżitu lejn pajjiż terz tad-destinazzjoni, bl-indikazzjoni tal-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni u, fil-każ ta' kunsinna ta' prodotti mhux awtorizzati li jkunu qed jaqsmu t-territorju tal-Unjoni bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġ fuq l-ilma, l-isem tal-post ta' kontroll tal-ħruġ fuq il-fruntiera, li jinsab fl-istess Stat Membru bħall-post ta' kontroll fuq il-fruntiera;

  (iii) "għat-trasferiment lejn", jekk il-kunsinna tista' tiġi ttrasferita skont ir-regoli nazzjonali mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għal punt ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 53(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/625, li jinsab fl-istess Stat Membru bħall-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, għal kontrolli uffiċjali ulterjuri, bl-indikazzjoni tal-isem tal-punt ta' kontroll;

(iv) “għat-tkomplija tat-trasport lejn”, jekk il-kunsinna tista’ tiġi ttrasferita bis-saħħa tar-regoli nazzjonali lejn faċilità ta’ tkomplija tat-trasport iddeżinjata f’konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2124, li tkun tinsab fl-istess Stat Membru bħall-post ta’ kontroll fuq il-fruntiera, bl-indikazzjoni tad-dettalji ta’ dik il-faċilità;

(v) fil-każ ta’ kunsinna ta’ addittivi tal-għalf mhux awtorizzati ta’ oriġini mhux mill-annimali u ta’ prodotti mhux awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti li mhumiex fi tranżitu dirett lejn pajjiż terz, id-destinazzjonijiet ikkontrollati li jkun imiss titwassal il-kunsinna se titwassal qabel ma titlaq mit-territorju tal-Istat Membru fejn jinsab il-post ta’ kontroll fuq il-fruntiera:

(1) maħżen doganali msemmi fl-Artikolu 240(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(2) faċilità ta’ ħżin temporanju msemmija fl-Artikolu 147(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(3) żona ħielsa, fejn applikabbli;

(4) stabbiliment ta’ negozju tal-għalf, b’indikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tiegħu;

(r) id-deskrizzjoni tal-oġġetti fil-kunsinni abbażi ta’ ċertifikati uffiċjali, attestazzjonijiet uffiċjali, dikjarazzjonijiet jew dokumenti kummerċjali oħra, li jippermettu l-identifikazzjoni tagħhom u l-kalkolu tat-tariffi, inklużi dawn kollha li ġejjin:

(i) il-kodiċi u t-titolu tan-Nomenklatura Magħquda (NM) previsti fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u l-kodiċi tat-tariffa integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC);

(ii) il-piż nett, f’kilogrammi;

(iii) il-piż gross, magħmul mill-piż nett, flimkien mal-kontenituri immedjati u l-imballaġġ kollu, iżda eskluż l-kontenituri tat-trasport u tagħmir ieħor tat-trasport;

(iv) it-tip ta’ pakketti u l-għadd totali ta’ pakketti fil-kunsinna;

(v) in-numru tal-lott;

(vi) it-tip ta’ prodott, inkluż jekk l-oġġetti humiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq bħala prodotti organiċi jew fil-fażi ta’ konverżjoni;

(vii) in-numru ta’ biċċiet jew il-volum, fejn xieraq.

5. L-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta’ kontroll fuq il-fruntiera jistgħu jżidu rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 fin-notifika tal-wasla sottomessa fi TRACES, inkluża kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin meħuda dwar il-kunsinni:

(a) “aċċettabbli għas-suq intern”;

(b) “aċċettabbli għat-trasferiment”;

(c) “aċċettabbli għat-tkomplija tat-trasport”;

(d) “aċċettabbli għat-tranżitu”;

(e) “aċċettabbli għal oġġetti mhux konformi”;

(f) “mhux aċċettabbli”.

6. In-notifiki tal-wasla, li l-operaturi responsabbli mill-kunsinna jiffirmaw fi TRACES permezz ta’ firma elettronika, għandu jkollhom is-siġill elettroniku avvanzat jew ikkwalifikat tal-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' Marzu 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN